# IL-KOTBA TAT-TESTMENT IL-QADIM

Għedna d-darba l-oħra li l-Bibbja hi ġabra ta' tnejn u sebgħin ktieb, maqsumin f'żewġ Testmenti: it-Testment il-Qadim li fih ħamsa u erbgħin ktieb, u t-Testment il-Ġdid, li fih sebgħa u għoxrin ktieb. Il-ġrajja ta' kif saru dawn iż-żewġ ġabriet jew għaqdiet ta' Kotba Mqaddsa, hija aktarx minsija, u tiftix li sar fuqha hu xogħol mill-isbaħ. Sejrin għalhekk niġbru fi ftit kliem, fuq dan, dak li jidhrlna li hu ta' fejda u ħieġ.

Iż-żewġ għaqdiet ta' kotba, it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid, jingħażlu minn xulxin mhux biss għaliex it-tagħlim tal-waħda huwa l-wegħda tal-miġja tal-Feddej u dak ta' l-oħra jurina l-ħajja u l-ħidma Tiegħu; imma wkoll imħabba fiż-żmien, għaliex il-Kotba tat-Testment il-Qadim kienu kollha miktubin qabel il-miġja f'din id-dinja ta' Sidna Ġesù Kristu, u dawk tat-Testment il-Ġdid inkitbu kollha wara l-miġja ta' Kristu, u wara t-tlugħ Tiegħu fis-sema, iżda mhux aktar tard mill-mewt ta' l-Appostli. Barra minn dan, il-Kotba tat-Testment il-Qadim kienu miġbura mill-Lhud qabel Kristu u dawk tat-Testment il-Ġdid kienu miġbura mill-Insara.

Għalhekk huwa wisq xieraq li l-ewwel nitħaddtu fuq il-Kotba tat-Testment il-Qadim, imbagħad fuq dawk tat-Testment il-Ġdid.

Il-ġabra tal-kotba tal-Għaqda l-Qadima ħadet żewġ għamliet, waħda kif tinsab fil-Bibbja Lhudija, magħrufa bl-isem ta' Kanon tal-Palestina, u l-oħra kif tinsab fil-Bibbja Griega Lixandrina, li minnha ħarġet ukoll il-Vulgata Latina, magħrufa bl-isem ta' Kanon Lixandrin. Naraw l-ewwelnett x'għażla hemm bejn dawn iż-żewġ ġabriet.

Il-Kanon tal-Palestina kien f'idejn il-Lhud tal-Palestina u kien magħmul minn erba' u għoxrin ktieb, jew minn tnejn u għoxrin, maqsumin fi tliet ġabriet, magħrufa bl-ismijiet ta' Liġi, Profeti, u Aġjografi.

Il-*Liġi* kien fiha l-ewwel ħames kotba tal-Bibbja, magħrufin b'kotba ta' Mosè: il-Ġenesi, l-Esodu, il-Levitku, il-Ktieb tan-Numri u d-Dewtoronomju.

Il-*Profeti*, it-tieni ġabra, kien fiha tmien kotba: erba' fihom il-ġrajja tal-Lhud minn żmien Jożwè sa tmiem iż-żewġ saltniet Lhudin u t-turufnament, imsejħin il-Profeti l-Qodma, u dawn huma l-kotba ta' Jożwè, ta' l-Imħallfin, ta' Samwel u tas-Slaten. L-erba' kotba l-oħra huma dawk tal-Profeti l-Ġodda, Iżaija, Ġeremija, Eżekjel u t-Tnax-il Profeta żgħar, fi ktieb wieħed.

It-tielet ġabra, l-*Aġjografi* kienet magħmula mis-Salmi, il-Ktieb Ġobb, il-Qwiel ta' Salamun, mill-ħames kotba żgħar: l-Għanja tal-Għanjiet, Rut, il-Lamentazzjonijet, l-Ekkleżjaste u Ester, u mill-kotba ta' Danjiel, Esdra, Nehemia u l-Paralipomeni.

Dawk li kienu jġibu l-kotba tnejn u għoxrin, kienu jgħoddu l-ktieb ta' Rut mas-Salmi, b'daħla tan-nisel ta' David; u l-ktieb tal-Lamentazzjonijiet, mal-ktieb tal-Profeta Ġeremija.

Kif jgħarrafna S. Ġirolmu, il-għadd tnejn u għoxrn hu simboliku; bħal ma fl-alfabet tal-Lhud hemm tnejn u għoxrin ittra li bihom tista' ssawwar kull kelma, hekk ukoll il-Kotba Mqaddsa huma tnejn u għoxrin, li fihom issib

l-Għerf kollu. Dawn it-tnejn u għoxrin ktieb huma għalhekk l-erba' u għoxrin xorta waħda.

Il-Kanon Lixandrin fih ħamsa u erbgħin ktieb li ma humiex magħżulin fi tliet ġabriet, imma l-ewwel insibu l-Liġi, imbagħad il-kotba li fihom ġrajjiet il-poplu t'Alla, li huma dawn: Il-ktieb ta' Jożwè; ktieb l-Imħallfin u warajh ktieb Rut; l-erba' kotba tas-Slaten, it-tnejn tal-Paralipomeni, Esdra u Nehemia, Tobija, Ġuditta u Ester. Dawn il-kotba fihom il-ġrajja tal-Lhud, u wieħed jistenna li wara l-ktieb ta' Ester isib iż-żewġ kotba tal-Makkabej; imma għal raġuni li nitħaddtu fuqha 'l quddiem, dawn il-kotba jinsabu fl-aħħar tat-Testment il-Qadim. Wara dawn il-kotba tal-ġrajjiet, jiġu l-kotba tat-tagħlim: Ġob, is-Salmi, il-Qwiel ta' Salamun, l-Ekkleżjaste, il-Għanja tal-Għanjiet, ktieb il-Għerf u l-Ekkleżjastiku (ħames kotba ta' Salamun); imbagħad il-kotba tal-Profeti: Iżaija, Ġeremija, u l-kotba tiegħu tal-Lamentazzjonijiet, u Baruk, Eżekjel u Daniel, it-Tnax-il Profeta żgħar u ż-żewġ kotba tal-Makkabej, li jiġu fl-aħħar għax ma jinsabux fil-Kanon tal-Palestina.

Dawn il-ħamsa u erbgħin ktieb huma t-tnejn u għoxrin, jew l-erbgħa u għoxrin ktieb tal-Kanon tal-Palestina, barra sebgħa, li huma Tobija u Ġuditta, Ktieb il-Għerf u l-Ekkleżjastiku, il-ktieb ta' Baruk u ż-żewġ kotba tal-Makkabej; il-għażliet li jinsabu bejn il-Kanon tal-Palestina u l-Kanon Lixandrin, ma humiex biss fit-taqsim tal-kotba, imma hemm ukoll għażla ta' importanza kbira, dik li fil-Kanon Lixandrin hemm sebgħa' kotba u xi biċċiet mill-ktieb ta' Danjiel u mill-ktieb ta' Ester li ma jinsabux fil-Kanon tal-Palestina. Uħud mill-Insara żammew mal-Kanon tal-Palestina; iżda l-Knisja u l-biċċa l-kbira tas-Santi Padri u tal-Kittieba żammew mal-Kanon Lixandrin. Meta l-Protestanti ħaddnu l-Kanon tal-Palestina, il-Konċilju qata' l-kustjoni u ddefinixxa bħala domma tal-Fidi li l-kotba kollha li jinsabu fil-Vulgata Latina li taqbel mal-Kanon Lixandrin huma kollha ndaqs, ispirati minn Alla u kanoniki.

Liema minn dawn iż-żewġ Kanoni huma l-eqdem? Il-biċċa l-kbira tal-kritiċi jaħsbu li hu dak tal-Palestina, li fih il-kotba li kienu magħrufin ġewwa Ġerusalem; il-Kanon Lixandrin ħaddan ġewwa fih kotba oħra, li ma kienux magħrufin fil-Palestina.

Iżda hemm fehma oħra li lilna togħġobna iżjed. Il-Kanon l-aktar qadim huwa dak ta' Lixandra li l-ewwel kien magħruf u meqjum ukoll fil-Palestina, imma mbagħad minħabba xi raġunijiet li xejn ma għandhom x'jaqsmu ma' l-Ispirazzjoni Divina, dan il-Kanon kien imqassar u minnu ħareġ il-Kanon tal-Palestina. Hija ħaġa ċara li l-Kanon tal-Palestina huwa rranġat ħafna, imma l-Lixandrin huwa aktar naturali, għal hekk huwa qabel dak tal-Palestina.

Il-Kanon tal-Palestina mibni fuq erba' kriterji: biex ktieb ikun ispirat u kanoniku, meħtieġ li (a) ikun miktub qabel Esdra, (b) ġewwa l-Palestina, (3) bil-lsien Lhudi, u (4) ikun jaqbel għal kollox mal-Liġi. Dawk il-kotba jew biċċiet ta' kotba li ma kienux milqugħa fil-Kanon tal-Palestina, huma neqsin minn xi wieħed minn dawn l-erba' kriterji.

Hija ħaġa ċara li Alla jista' jnebbaħ ktieb *qabel* jew *wara* Esdra. Fil-Palestina, fl-Art Imqaddsa jew barra, fil-Babilonja jew fl-Eġittu; bil-lsien Lhudi jew bi lsien ieħor. U billi Alla huwa s-Sewwa u l-Verità, dak kollu li jogħġbu jispira, huwa kollu veru;

u għalhekk kull ktieb li ġej minn Alla jaqbel mal-Liġi u ma' dak kollu li hu ġej minn Alla. Mnn dawn naraw li l-erba' kriterji li fuqhom mibni l-Kanon tal-Palestina ma kienux għajr qlajjiet tal-Fariżej u għalhekk ma huma ta' l-ebda siwi; meta l-Kanon hu l-ġabra naturali ta' kotba li kienu minn dejjem magħrufin bħala spirati minn Alla u kanoniki.

Iżda jista' wieħed jistaqsi: fuq liema kriterji mibni l-Kanon Lixandrin? Huwa magħruf li barra mill-kotba li jinsabu fil-Kanon Lixandrin kien hemm oħrajn, bħal ma huma t-Tielet u r-Raba' Ktieb ta' Esdra, it-Tielet u r-Raba' Ktieb tal-Makkabej, is-Salmi ta' Salamun, li nsibuhom ukoll imħalltin mal-Kotba Mqaddsa, imma li ma humiex Kotba Mqaddsa.

Għal din il-mistoqsija ma hemmx tweġiba ċara. Il-għorrief aktarx jaħsbu li l-Kanon Lixandrin mibni fuq it-Tradizzjoni tal-Lhud; żda ma għandniex ninsew li fost il-Lhud ma kienx hemm tradizzjoni divina, bħal ma nsibu fil-Knisja Kattolika, li Alla żejjen bil-kariżma ta' l-Infallibiltà u li għalhekk ma tistax tiżbalja fi ħwejjeġ tal-Fidi u tal-morali.

Għalhekk oħrajn jaħsbu, u jidhrilna li l-fehma tagħhom hija wisq aħjar minn dik li għadna kemm insemmu, li Alla kien jinqeda bil-Profeti sabiex imexxi lil-Lhud fit-triq tas-Sewwa. Il-Profeta jfisser bniedem li jitkellem minflok Alla. Għalhekk il-kliem tal-Profeta huwa l-kliem t'Alla. Meta l-Profeta kien jitkellem il-kliem tiegħu, kien ikun milqugħ bħala kliem Alla; u meta l-Profeta ma kienx jinqeda bil-kelma, imma bil-kitba, il-ktieb tiegħu kien ikun magħruf bħala ktieb t'Alla, ispirat u kanoniku.

Xi ħadd jista' jgħid: Imma aħna ma nafux min kiteb kull wieħed mill-kotba tal-Għaqda l-Qadima; mela ma nistgħux nafu jekk hux ispirat u kanoniku!

Għal din id-diffikultà nwieġbu li għad li l-lum ma nafux min kiteb kull wieħed mill-Kotba tal-Għaqda l-Qadima, ma għandniex naħsbu li dawn il-kotba waqgħu mis-sema. Xi ħadd kitibhom, u min kitibhom kien magħruf min-nies ta' żmienu. Ċara li wara li dawn il-kotba kienu magħrufa bħala spirati, l-isem ta' min kitibhom intesa. Imma b'daqshekk il-kotba baqgħu li kienu, ispirati u kanoniki.

Jidhrilna li milli għedna wieħed jista' jifhem kif saret il-Bibbja tal-Għaqda l-Qadima. Darb'oħra nitħaddtu fuq dik tal-Għaqda l-Ġdida.

P. SERAFIN M. ZARB, O.P.

---

# ~~IL-ĦTIN FIL-BIBBJA~~

~~Il-ħtin, jew kif jgħidulu bit-Taljan, *circoncisione*, hija drawwa li kienet imxerrda fost wisq ġnus fil-qedem, bħal ma hija wkoll daż-żmien. Seba' mitt sena qabel ma twieled Kristu, il-Profeta Ġeremija kiteb dal-kliem: "Ara li għad jasal żmien (igħid il-Mulej) li jsir il-ħaqq minn dawk li huma *maħtunin biss fil-laħam*: il-Masrijin u l-Lhudin; l-Adomin u Beni-Għamman; il-Mo-Abin u l-Għarab" (Ġeremija, IX 25-26).~~

~~Fil-Masar, jiġifieri l-*Eġittu*, il-ħtin kien imħares sa minn żmien l-Imperu l-Qadim. Jekk ma kienx jinħaten kull ħadd, kiesu jinħatnu l-kbarat ta' dik l-art: jiġifieri l-qassisin u l-għonja. Kif igħid Herodotus (II, 104), il-Mas-~~